**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 836/97

Raymond Mallia

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta u Onorevoli Prim Ministru

Illum 7 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' Jannar 1992, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien beda jahdem mad-Dejma fil-1983 bhala Private u wara sentejn sar Lance Bumbardier. Meta kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal mal-Forzi Armati ir-rikorrent applika u fi Frar 1997 dahal Gunner mal-Forzi Armati.

Ir-rikorrent ilu jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta ghal dawn l-ahhar 10 snin u bhalissa ghadu jokkupa r-rank ta' Gunner, rank li ilu jokkupa mindu dahal fil-Forzi Armati ghax qatt ma ha promozzjoni.

Fil-1992 hargu l-promozzjonijiet ghal Lance Bombardier u ir-rikorrent gie maqbuz minn nies li kien Senior taghhom. Meta mar jistaqsi ghaliex ma giex promoss qalulu ghaliex ma kellux "Third Class Certificate". Illi ir-rikorrent jista' jikkonferma li wiehed minn dawk li hadu l-promozzjoni zgur ma kellux Third Class Certificate ghax ghamel l-ezami mieghu fl-1995.

Illi r-rikorrent jghid li kemm ilu fl-Armata qatt ma qala "charge" u dejjem qeda dmirijietu tajjeb tant hu hekk li ghamel tmien snin fir-Regimental Police.

Illi r-rikorrent ottjena c-certifikati fl-Essential Food Hygiene (Dok A), Food Preparation & Production (Dok B) u Third Class Army Certificate of Education (Dok C).

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata promozzjoni ghal Lance Bombardier b'lura mill-1992 inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u l-Onorevoli Prim Ministru li eccepew:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi l-Onorevoli Prim mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment qieghed jigi mwiegeb mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-Kap tad-Dipartiment kkoncernat.

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi ma jirrizultax li fil-1983 ir-rikorrent kien sar Lance Bumbardier.
Illi ir-rikorrent kien ingaggat fil-Forzi Armati ta’ Malta fit-2 ta’ Frar 1987.

Illi c-certifikati li r-rikorrent ottjena cioe’ dak ta’ ***Essential Food Hygiene*** mir-Royal Society of Health, il-***Profeciency Certificate*** mill-Institute of Tourism Studies u l-Army Certificate of Education Class III gabhom wara l-promozzjonijiet li saru b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992 u ghaldaqstant dawn ma setawx jigu kkunsidrati fir-rigward tal-promozzjoni msemmija.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’ anzjanita’ u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif wkoll abbazi ta’ ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe’, l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PRELIMINARI:**

Illi l-ewwel nett hemm bzonn li jigu ezaminati xi fatti. Ir-rikorrent semma li dahal fl-Armata fi Frar 1997. Dan hu zball dattilografu ghax ghalkemm qatt ma intalbet il-korrezzjoni, mill-iskeda a fol 44 jidher car li dahal 20.2.87. Inghata din l-eccezzjoni a fol 7 tal-process.

Sekondarjament ir-rikorrent isemmi li ghandu t-Third Class Army Certificate of Education. Dan veru, izda kif jirrizulta mill-kopja tad-dokument esibit a fol 6 tal-process dan igib id-data tat- 30 ta' Gunju, 1995, u cioe' wara d-data tal-appointments. L-istess dwar ic-certifikat l-iehor li r-rikorrent ottjena wara.

Dwar eccezzjonijiet fl-24 ta' Settembru, 1999 l-intimat rtira it-tielet eccezzjoni rigward l-artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati.

Dwar l-ewwel eccezzjoni li l-Prim'Ministru mhux il-legittimu kontradittur, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu

tad-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici:

"Illi r-rikors odjern huwa dirett kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ikkunsidra li certament id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ma hux il-legittimu kontradittur. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Jekk id-Direttur mhux parti fil-kawza kif jista' jkun hemm sentenza fil-konfront tieghu! [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn."

L-istess japplika ghall-kaz in ezami. Il-kawza missa giet istitwita biss fil-konfront tal-Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, u zgur mhux kontra l-Prim"Ministru. Ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ippresenta affidavit fejn semma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li dahal bhala Gunner fil-Forzi Armati ta' Malta fi Frar 1987, bin-numru 85259. F'din il-pozizzjoni fl-Armata mill-

ewwel sar is-Senior Gunner fil-Guard Room, u kull meta ma kienx ikun hemm il-Bumbardier u r-Regiment Surgent Major (jew ahjar l-R.S.M.), kien jiehu 'over'.

Gara li fl-1992 kienu jinghataw numru kbir ta' promozzjonijiet, fosthom ta' Lance Bombardier, u hu ma hadiex. Sostna li madwar 14 -il gunner mill-First Regiment hadu l-promozzjoni ghall-Lance Bombardier avolja kienu dahlu warajh fl-Armata. L-R.S.M. Cosby wara kien qallu li ma hax il-promozzjoni sempliciment ghax ma kellux it-Third Class Army Certificate of Education. Madankollu sar jaf li fost il-Gunners li hadu l-promozzjoni kien hemm min ukoll ma kellux dan it-Third Class Certificate.

Sostna li hu cert li inqabez mill-promotions a bazi ta' deskriminazzjoni ghaliex anke meta regghu inghataw il-promotions fl-1996, u cioe' wara li kien gab ic-certifikati li ezebixxa, inkluz it-Third Class Certificate, xorta reggha inqabez min-nies b'inqas seniority u b'inqas kwalifiki.

In-kontro-ezami qal li fl-1992 meta ma hax il-promozzjoni kienu tawh raguni ghaliex ma kellux it-third class education.

Alfred Turner semma li beda mat-Task Force bhala bumbardier, il-perjodu ta' qabel in-1987. Fin-1987 kellu lil Raymond Mallia jahdem mieghu. Il-grad tar-rikorrent kien ta' Regimental Police. Spjega li meta tkun regimental police trid tkun 100% fit peress li xogholok ikun li ticcekkja li l-ohrajn ghandhom l-uniformi sew u li ghandhom il-vetturi sew u mhux mahmugin. Semma li meta ta ix-

xoghol lil Raymond Mallia, dejjem refa r-responsabbilita' tieghu. Qatt ma kien hemm complaints fir-rigward tar-rikorrent.

Mallia kien l-aktar wiehed senior jigifieri jista' jkun li fl-assenza tieghu kien iqabbad lilu jaghmel l-ghassa.

Joseph Dimech beda ma' l-armata maltija fl-1970 u kien ilu mill-1961 mal-RMA. Fl-armata maltija l-grad tieghu kien ta' bumbardier. Ir-rikorrent kien responsabbli ghal ubbidjenza fil-canteen.  Dwar il-performance tax-xoghol tar-rikorrent stqarr li dan kien jaghmel xoghlu tajjeb.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa lista ta' promozzjonijiet b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 mir-rank ta' gunner ghal Lance Bumbardier. Isem ir-rikorrent qieghed muri shaded bil-griz fit-tieni pagna ma jfissirx li ha l-promozzjoni dakinhar imma riedu juru postu kieku ha promozzjoni dakinhar.  Esebixxa wkoll estratt mir-record of service tar-rikorrent fih. Hemm referenza wkoll dwar il-kondotta ta' l-individwu li hija clean kif ukoll ghall-promotions ta' l-1988 u 1992 li ma jidhirx li kien hemm rakkomandazzjonijiet mir-records.

Semma li x-xoghol fir-regimental police huwa xoghol militari bhal kull xoghol militari iehor, jaghmluh kemm gunners, bumbardiera, surgenti u warrant officers, l-istess bhal ma jsir minn xoghol li jaghmlu gunners ohra.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Meta wiehed jezamina l-promozzjonijiet jirrizulta li:

- 29 li kienu senior tar-rikorrent hadu l-promozzjoni;
- li r-rikorrent bhala kwalifiki ma kellux Army Certificate of Education;
- li r-rikorrent kellu tlett trades fil-livell ta' B3;
- li fost dawk li kienu qablu kien hemm tlieta ohra bin-Nil bhala ACE;
- li saru 14 li kellhom seniority anqas minnu;
- li 9 minn dawn kellhom ACE 3 jew superjuri;
- li 5 ma kellhomx ACE bhar-rikorrent;
- li minn dawn il-5 – 2 kellhom nil fit-Trades, 1 – B2, 2 – B3.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa ma rrizulta xejn negattiv fir-rikorrent li jiggustifika li hamsa anqas kwalifikati minnu jaqbzuh. Certament ma irrizultawx lanqas elementi tant posittivi f'dawn il-hamsa li jiggustifikaw li r-rikorrent jinqabez.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bombardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.